A.L. 406 ta' l-2005

ATT DWAR IL-KONTROLL TAT-TIPJIP TAT-TABAKK (KAP. 315)

Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Projbizzjoni ta' Reklamar u Promozzjoni ta' Prodotti tat-Tabakk

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 9 ta' l-Att dwar il-Kontroll tat-Tipjip tat-Tabakk, il-Ministru tas-Saħħa, Anzjani u Kura fil-Komunità għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. It-titolu ta'dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2005 dwar il-Projbizzjoni ta' Reklamar u Promozzjoni ta' Prodotti tat-Tabakk.

Ir-reklamar tat-tabakk hu projbit.

2. Ebda persuna ma tista' tirreklama fuq *billboards,* tined tal-ħwienet, ilqugħ mix-xemx, umbrellel u fuq mezzi oħra ta' kommunikazzjoni, sigaretti, sigarri, tabakk jew prodotti tat-tabakk.

Ir- reklamar permezz tal-lotteriji hu projbit.

3. Ebda persuna ma tista' tagħmel użu minn lotteriji jew skemi ta' rigali oħra maħsuba għall-promozzjoni u reklamar ta' sigaretti, sigarri, tabakk jew prodotti tat-tabakk.